## 3.18 Malta




*Nota:* Id-dejta bikrija għal "% ta' linji broadband b'veloċità ta' aktar minn 30 Mbps" tirreferi għall-2011.

## 3.18.1 Daħla u prestazzjoni

Minkejja li f'Malta l-proporzjon tal-manifattura tal-PDG (madwar 13%) huwa iktar baxx mill-medja tal-UE, xi oqsma industrijali jibqgħu jespandu. L-ekonomija tas-servizzi li tradizzjonalment hija dominata mit-turiżmu (10% tal-PDG fil-livell ta' impatt dirett, 25% meta ssir evalwazzjoni tal-impatt sħiħ) iddiversifikat hekk kif attivitajiet oħra wkoll qed jespandu. F'dokument ta' qabel il-baġit tal-2014, ([1]) il-Ministeru tal-Finanzi għamel evalwazzjoni tal-kompetittività abbażi tal-prestazzjoni tal-industriji relattiv għall-kontropartijiet tagħhom tal-UE-27. Ikkonkluda li tul l-10 snin li għaddew Malta kisbet vantaġġ kompetittiv fl-oqsma li qed jikbru b'ritmu mgħaġġel tal-farmaċewtika, dawk marbuta mal-kompjuter, is-servizzi finanzjarji u tan-negozju kif ukoll tat-teleimħatri (remote gaming)..

It-tkabbir fil-produttività baqa' lura u taħt il-medja taż-żona tal-euro tul l-aħħar għaxar snin iżda Malta tibqa' fuq quddiem fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni. Dan jidher mis-sehem tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija għolja fl-esportazzjonijiet totali (ara hawn taħt l-'Aċċess għas-swieq').

Il-mira tan-nefqa l-ġdida għal R&D ta' Ewropa 2020 għal Malta hija 2% (miċ-ċifra ta' qabel ta' 0.67%). Fl-10 ta' Ġunju 2014 tnediet Strateġija ta' Riċerka u Innovazzjoni Nazzjonali ġdida approvata fi Frar 2014 u din għolliet l-ambizzjoni ta' Malta biex tqiegħed fil-qalba tal-ekonomija l-għarfien u l-innovazzjoni, billi trawwem tkabbir ta' valur miżjud imsejjes fuq l-għarfien.

## 3.18.2 Aċċess għall-finanzi u l-investiment

Malta kellha prestazzjoni tajba rigward l-aċċess għall-finanzi b'mod partikolari għall-SMEs. L-iskema ta' garanzija ta' self JEREMIE (Joint European Resources for Micro to Medium Enterprises - Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Impriżi Mikro sa Medji), ([2]) li kellha suċċess kbir, iġġeddet f'Settembru 2013. Il-krediti tat-taxxa għall-investiment baqgħu jingħataw bl-iskema 'MicroInvest'. Malta biħsiebha tieħu sehem fl-"SME initiative" tal-Kummissjoni billi toffri garanziji mingħajr rata massima għall-għajnuna għall-fondi proprji.

Tnedew għadd ta' inizjattivi ġodda biex ikunu ta' għajnuna fl-għoti ta' kapital inizjali għal negozji żgħar innovattivi u b'potenzjal qawwi ta' tkabbir. Fost dawn hemm skema ġdida ta' garanziji għal impriżi li għadhom jibdew, li dwarha ntlaħaq ftehim f'Jannar 2014 bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (EIF) u l-Bank of Valletta, u l-allokazzjoni ta' EUR 100 000 għal fond ta' kapital inizjali biex jgħin lill-gradwati u l-imprendituri jibdew negozju ġdid (il-fond se jitmexxa b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Investiment u l-Ministeru tal-Edukazzjoni).

L-inizjattiva 'Malta Trade for Growth' għandha l-għan li tgħin lill-kumpaniji lokali jsaħħu l-kummerċ internazzjonali tagħhom mas-swieq emerġenti. Dan il-fond ta' EUR 50 miljun joffri tnaqqis fir-rati tal-imgħax fuq faċilitajiet ta' finanzi għall-kummerċ u il-f fuq ammonti riċevibbli. Joffri wkoll skont fuq tariffi ta' ftuħ u pariri għal ittri dokumentati ta' kreditu fir-rigward ta' swieq internazzjonali.

Bir-rati tal-imgħax relattivament għoljin f'Malta, l-awtoritajiet Maltin qed jirriflettu dwar it-twaqqif ta' sistemi ta' crowdfunding jew bank għall-iżvilupp biex ikun dejjem iktar faċli li l-impriżi ż-żgħar ikollhom aċċess għall-finanzi.

L-investiment fl-infrastruttura mmirat lejn l-iżvilupp ta' attivitajiet innovattivi huwa prijorità għolja, bl-użu partikolari tal-fondi strutturali Ewropej. Barra mill-Park għax-Xjenzi tal-Ħajja (Life Sciences Park) u fi ħdanu, il-Malta Enterprise qed tiżviluppa punt fokali diġitali li għandu jkun lest sa tmiem l-2014. Bit-tir li tħeġġeġ ir-raggruppament tal-impriżi ż-żgħar, se tkun f'qagħda li tospita sa 15-il impriża ġdida, u timpjega madwar 120 persuna. Se tospita wkoll madwar 12-il hot desk fejn studenti u imprendituri eventwali jistgħu jaħdmu fuq il-proġetti tagħhom bl-għajnuna tal-impriżi li jkunu diġà stabbiliti fil-punt fokali.

L-awtoritajiet Maltin regolarment jaġġornaw l-infrastruttura fil-parks tan-negozju li jmexxu. S'issa erba' parks industrijali ġew aġġornati b'mod estensiv u hemm pjanijiet għal aktar aġġornamenti fis-snin li ġejjin.

---

([1]) http://mfin.gov.mt/en/The-Budget/Documents/The_Budget_2014/Pre_Budget_2014.pdf.

([2]) JEREMIE kienet inizjattiva li zviluppat il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investiment għall-2007-2013. Ħeġġet l-użu tal-istrumenti finanzjarji biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs permezz tal-interventi tal-Fondi Strutturali Ewropej.

### 3.18.3 Innovazzjoni u ħiliet

Fid-dawl tal-attenzjoni li l-awtoritajiet Maltin jagħtu lit-tkabbir abbażi tal-innovazzjoni u l-mira ġdida tar-riċerka u żvilupp ta' 2% tal-PDG, l-Istrateġija ta' Riċerka u Innovazzjoni Nazzjonali 2020 tinkludi mira ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti li tidentifika l-oqsma tal-ekonomija nazzjonali li Malta tista' tiżviluppa permezz tal-innovazzjoni. L-istrateġija se tkun akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni dinamiku li jiddeskrivi x'għandu jsir biex jinkisbu l-miri.

L-Istrateġija ta' Riċerka u Innovazzjoni Nazzjonali 2020 hija magħmula minn tliet 'blokki' bil-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sistema ta' innovazzjoni Maltija: appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp (għajnuna għall-impriżi innovattivi biex jissawru u jikbru), investiment f'bażi ta' għarfien aktar soda (bini tal-kapaċità u l-eċċellenza fl-istadji l-aktar bikrin tar-riċerka u l-iżvilupp biex jinkisbu riċerka u żvilupp u innovazzjoni qrib is-suq), speċjalizzazzjoni intelliġenti u flessibbli (prijorità għal għadd ta' oqsma tematiċi għall-innovazzjoni fit-tul). L-istrateġija tipproponi wkoll mekkaniżmu ta' kodisinn ta' miżuri ta' implimentazzjoni minn partijiet ikkonċernati differenti, disinn ta' politika msejsa fuq l-għarfien u monitoraġġ u reviżjoni ta' politika.

Malta trid tiffoka fuq tliet nuqqasijiet għal dawk li huma ħiliet: rata għolja ta' tluq kmieni mill-iskola, rata relattivament baxxa ta' ksib ta' edukazzjoni terzjarja u sistema ta' taħriġ vokazzjonali li baqgħet lura. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qed jiġu introdotti fl-iskejjel sekondarji kollha ewlenin. Qed jinħolqu kwalifiki nazzjonali b'rabta ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u avvanzata u fis-sena skolastika 2015-2016, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali se jkunu disponibbli fl-iskejjel sekondarji kollha ta' Malta.

Malta għamlet progress fit-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ komprensiva ta' tluq bikri mill-iskola. Qed issir ħidma wkoll biex l-edukazzjoni u t-taħriġ isiru aktar rilevanti għas-suq tax-xogħol u fuq riformi fl-iskemi ta' apprendistat; s'issa dawn ir-riformi f'dan il-qasam kienu limitati.

Biex issir stima aħjar tan-nuqqas ta' ħiliet, u biex il-provvista tal-ħaddiema u t-talba għax-xogħol ikunu abbinati aħjar, se jiġi żviluppat indiċi ta' impjegabilità biex l-istudenti jsiru jafu dwar postijiet tax-xogħol vakanti. Il-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ se twaqqaf ukoll bank tal-ħiliet b'informazzjoni minn istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati (bħall-Università ta' Malta jew il-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta (MCAST)). Se tipprova wkoll tbassar u tantiċipa n-nuqqas ta' ħiliet f'għadd ta' modi, billi tibni relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati.

Fl-2014 se jinħatar kumitat għall-ħiliet speċifiċi għas-settur, b'għadd ta' gruppi ta' ħiliet speċifiċi għas-settur li jirrappreżentaw bosta setturi tal-industrija lokali. Il-kumitat għall-ħiliet speċifiċi għas-settur u l-gruppi se jkunu magħmula minn rappreżentanti mill-industrija, l-edukazzjoni, il-gvern u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. L-għan ewlieni tal-kumitat se jkun li jiżviluppa livelli okkupazzjonali li jirriflettu t-talbiet tal-industrija u li jservu bħala parametri referenzjarji għall-akkreditazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jkunu nkisbu b'mod informali.

L-Università ta' Malta u l-MCAST fasslu korsijiet ġodda li huma rilevanti għall-bżonnijiet tal-industrija. Aġġornaw ukoll l-iskemi tagħhom ta' apprendistat. Bejn l-2014 u l-2015 il-korsijiet kollha fl-MCAST se jiġġeddu, u se jiġu modernizzati u aġġornati biex jirriflettu aħjar il-bżonnijiet tal-industrija. Hemm ukoll pjanijiet biex jiġu offruti aktar korsijiet bħala apprendistat, biex l-MCAST ikollu aktar kontroll fuq il-proċess ta' tagħlim matul l-istadju tax-xogħol tal-apprendistat u biex jiġu integrati aktar unitajiet ibbażati fuq ix-xogħol bħala partijiet akkreditati ta' kors.

### 3.18.4 Enerġija, materja prima u sostenibilità

L-awtoritajiet qed jirriformaw is-sistema tal-enerġija. It-tlestija tal-interkonnettur elettriku ma' Sqallija, mistennija sa tmiem l-2014, se tgħaqqad lil Malta mas-sistema ta' distribuzzjoni Ewropea. Dan se jiddiversifika l-provvista tal-enerġija tal-pajjiż, jgħin biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jwassal għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet qodma tal-impjant tal-enerġija tal-Marsa. Sabiex tkompli tonqos id-dipendenza ta' Malta fuq iż-żejt impurtat, hemm pjanijiet biex il-produzzjoni tal-enerġija ssir mill-gass naturali. Skont ftehim bejn l-Enemalta u l-kumpanija Ċiniża Shangai Electric Power, impjant tal-enerġija eżistenti tal-Enemalta se jinqaleb għall-gass. L-Enemalta waslet biex tiffinalizza ftehim ta' xiri ta' enerġija u se jkun hemm konsorzju li se jkollu r-responsabbiltà li jikkummissjona kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni tal-gass li se jkunu użati flimkien mal-

interkonnettur elettriku. Malta qed tikkunsidra wkoll li tingħaqad man-Netwerk Ewropew tal-Gass. Dan iwassal biex il-prezz tal-elettriku jorħos kemm għad-djar (-25% bħala medja fl-2014) kif ukoll għall-impriżi (-15% bħala medja fl-2015).

Il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli tibqa' diffiċli. Il-proġetti tal-enerġija mir-riħ fuq skala kbira, oriġinarjament iddisinjati biex jgħinu li tintlaħaq parti kbira mill-mira nazzjonali tal-enerġija fir-rigward tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (10%) x'aktarx li jiġu abbandunati minħabba tħassib ambjentali. Malta qed titfa' l-attenzjoni fuq il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzata bl-użu tal-pannelli solari. Dan laħaq ritmu mgħaġġel iżda minkejja s-suċċess ma kienx biżżejjed biex tintlaħaq il-mira nazzjonali għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Li s-settur tat-trasport isir aktar effiċjenti u li jitnaqqas l-impatt tal-konġestjoni fuq l-ekonomija jibqgħu sfidi ewlenin. Il-prestazzjoni fqira f'dawn l-oqsma ddgħajjef it-tkabbir tal-produttività u taffettwa s-saħħa. Il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-produzzjoni tal-iskart billi jiżdied ir-riċiklaġġ u jitrawwem disinn tal-prodott innovattiv u favur l-ambjent ukoll għadhom sfida ewlenija. B'mod partikolari, fl-isfond tal-iskarsezza tal-ilma, ir-rati ta' ffrankar tal-ilma għadhom relattivament baxxi.

## 3.18.5 Aċċess għas-swieq, infrastruttura u servizzi

L-ekonomija Maltija hija miftuħa ħafna u l-esportazzjonijiet jirrappreżentaw aktar minn 100% tal-PDG (aktar minn 25% minnhom huma kklassifikati bħala prodotti jew servizzi ta' għarfien intensiv) u l-esportazzjonijiet ta' teknoloġija għolja madwar 32% tal-esportazzjonijiet totali tal-prodotti. Din hija l-iktar prestazzjoni tajba fl-UE27. Skont l-analiżi tas-setturi tal-Ministeru tal-Finanzi, (3) iż-żieda fil-vantaġġ kompetittiv (ara l-introduzzjoni għas-setturi korrispondenti) hija ġeneralment assoċjata ma' żieda fis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni. Malta hija aktar kapaċi tikseb is-sehem tas-suq tas-servizzi milli tal-manifattura, u l-esportazzjonijiet tagħha tal-prodotti huma aktar sensittivi għall-movimenti tar-rati tal-kambju milli l-esportazzjonijiet tagħha tas-servizzi.

(3) Ara n-nota 1 hawn fuq dwar minn fejn ġejja din l-informazzjoni.

L-investiment dirett barrani (FDI) fil-pajjiż huwa l-aktar ikkonċentrat fl-attivitajiet finanzjarji u ta' assikurazzjoni (madwar 80%), segwiti mis-servizzi ta' trasport, l-akkomodazzjoni u l-attivitajiet immobbiljarji u l-manifattura. Il-Malta Enterprise approvat għadd ta' proġetti FDI li għandhom l-għan li jtejbu l-bażi tal-għarfien u l-kapaċità ta' innovazzjoni ta' Malta. Osservat żieda qawwija ta' proġetti ġodda approvati fl-2013, bi tqabbil ma' attività baxxa fl-2010-2012, u tibqa' fiduċjuża li l-2014 se tkun sena tajba meta mqabbla mal-2013.

## 3.18.6 Amministrazzjoni pubblika u ambjent tan-negozju

Aktar simplifikazzjonijiet amministrattivi jinkludu l-integrazzjoni ta' bosta dipartimenti tat-taxxa (VAT, dwana u Taxxi Interni), is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-benefiċċji soċjali u l-proċeduri għar-reġistrazzjoni u l-akkwist tal-mediċini.

Malta tinsab 'l isfel fil-klassifika tal-UE għal dik li hija effiċjenza ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Madankollu, id-dewmien medju tal-proċeduri ta' akkwist użati bl-iktar mod frekwenti tnaqqas b'madwar 15% fl-2013 (minn 295 jum fl-2010 għal 249 jum fl-2013. Il-medja tal-UE hija ta' 119-il jum) Fl-2013 il-gvern ħabbar l-għan tiegħu ta' tnaqqis fit-tul tal-perjodi tas-sejħa għall-offerti/reklamar u tal-perjodu medju ta' aġġudikazzjoni. Il-perjodu medju tal-offerti fl-2013 kien ta' 50.5 jum u l-perjodu medju ta' aġġudikazzjoni kien ta' 149.5 jum. It-tnedija tal-akkwist-e tlestiet fir-rigward tas-sejħiet għall-offerti lil hinn mil-limitu minimu tal-UE. Sa tmiem l-2014 se jkun sar progress sinifikanti fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-akkwist-e għas-sejħiet għall-offerti taħt il-limiti minimi tal-UE. Is-sistema l-ġdida kellha rispons pożittiv mill-partijiet kkonċernati u mistennija ssir aktar effiċjenti aktar ma jgħaddi ż-żmien.

Minkejja r-riforma attwali, is-sistema ġudizzjarja għad għandha n-nuqqasijiet. Il-proċedimenti fil-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi jieħdu inqas minn qabel iżda għadhom fost l-aktar li jdumu fl-UE. Ir-rata tas-soluzzjoni tal-kawżi ċivili u kummerċjali tal-qrati tal-prim' istanza tjiebet. Madankollu, ir-rata ta' soluzzjoni tal-kawżi amministrattivi hija l-iktar waħda baxxa fl-UE. (4) Ir-rapport tal-Bank Dinji *Doing Business* hu tal-fehma li

**Figura 3.18.1: Profil ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika - Malta**




*Nota:* L-iskala tal-valuri hija b'mod tali li l-aqwa Pajjiż Membru osservat jingħata 1 u l-agħar jingħata 0.

*Sors:* World Bank Doing business; Intrum Justitia; OECD; World Economic Forum; European Commission

l-proċeduri tal-insolvenza għandhom in-nuqqasijiet-skont l-istima tiegħu jieħdu tliet snin biex jiġu konklużi. Il-kummissjoni esperta għar-riforma ġudizzjarja ppreżentat ir-rapport finali tagħha lill-gvern fit-30 ta' Novembru 2013. Fih hemm 450 rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-gvern qed jikkonsulta l-partijiet ikkonċernati dwar il-miżuri proposti. Il-qafas ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tar-riforma huwa mill-2014 sal-2016. Xi wħud minnhom se jkollhom bżonn emendi fil-kostituzzjoni.

Fir-Rapport "*Doing Business*" tal-2014, Malta tinsab fil-103 post minn 189 ekonomija u niżlet tliet postijiet mill-ekwivalenti tal-pożizzjoni li kellha fl-2013. L-awtoritajiet Maltin huma konsapevoli li ċerti problemi kellhom jiġu solvuti biex ikun aktar faċli li jseħħ in-negozju u biex il-pajjiż jidher f'dawl aħjar mal-investituri barranin. Madankollu qajmu xi oġġezzjonijiet dwar il-metodoloġija użata mir-rapport tal-Bank Dinji u l-applikabilità diretta tiegħu għall-pajjiżi kollha li ġew mistħarrġa.

Għalkemm Malta għamlet progress konsiderevoli biex jiġu ssimplifikati r-regolamenti minn mindu adottat l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar Malta (SBA) fl-2011, il-progress lejn l-implimentazzjoni ta' test għall-SMEs jidher li naqqas il-pass. Leġiżlazzjoni ġdida teħtieġ noti ta' spjegazzjoni u linji gwida għall-utent. L-inkarigati mill-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SBA f'Malta qed jaħdmu flimkien ma' dawk involuti fl-abbozz tal-leġiżlazzjoni biex jipprovdu taħriġ u informazzjoni dwar ir-rekwiżiti u l-implikazzjonijiet tal-SBA għal Malta. It-tir tal-awtoritajiet Maltin huwa li l-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja dwar is-suġġett tkun għaddiet sa tmiem l-2014 u li tkun fis-seħħ sal-ewwel tliet xhur tal-2015.

Għal dik li hija imprenditorija, jibqgħu taħt il-medja tal-UE l-indikaturi li jkejlu l-attività imprenditorjali bħar-rata ta' imprenditorija u dik tax-xogħol awtonomu. Madankollu l-attitudni tradizzjonalment riżervata lejn l-imprenditorija tidher li qed tinbidel u r-rata ta' imprenditorija qed tiżdied: minn 6% fl-2009 għal 17% fl-2012. ([5]) L-iskemi għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-imprenditorija jeżistu u fl-istadji kollha tal-edukazzjoni hemm għadd ta' miżuri għat-trawwim tal-attitudni għall-imprenditorija.

Pereżempju, il-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija bħalissa qed joffri korsijiet ta' livell għoli fl-imprenditorija. Issa qed isir xogħol biex il-kurrikulu tal-imprenditorija jespandi billi jkun hemm taħriġ fil-livelli kollha bħala parti mill-korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ. Fil-bidu tal-2014, il-korporazzjoni Malta Enterprise kienet qed tiffinalizza ftehim mal-MCAST u l-Kordin Business Incubation

([4]) 2014 EU Justice scoreboard, figure 7. http://ec.europa.eu/justice/effective-justice/files/justice_scoreboard_2014_en.pdf

([5]) Ara 2013 SBA Fact Sheet for Malta fuq http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/files/countries-sheets/2013/malta_en.pdf.

Centre biex l-istudenti li għandhom bidu ta' negozju jingħataw uffiċċji b'kera b'rati speċjali fiċ-ċentru tal-MCAST.

### 3.18.7 Konklużjonijiet

Malta kompliet taffronta l-kriżi internazzjonali relattivament tajjeb. Iż-żamma tal-istabilità finanzjarja u l-kompetittività esterna għadhom kundizzjonijiet essenzjali għat-tkabbir ekonomiku.

F'termini ta' riformi strutturali, il-pajjiż adotta pjanijiet aktar ambizzjużi biex joffri tkabbir ibbażat fuq l-għarfien u qed jissokta bil-ħidma dwar it-titjib tal-ħiliet, użu aħjar tal-kapital uman, ir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi.

Aktar xogħol huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li t-tkabbir u l-ekonomija inġenerali jkunu sostenibbli. Jistgħu għalhekk jiżdiedu l-isforzi biex jiġi implimentat l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar bl-għajnuna tal-komunità tal-negozju.